# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2019**

**Numru 15**

**Rikors numru 531/18 LSO**

**Lydumyla Seropyan**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Preliminari:**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-attriċi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru 2018, li permezz tiegħu qed titlob lil din il-qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet tagħha, bl-ispejjeż kontra l-attur[1] appellat.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

[1] Jidher huwa evidentement żball għaliex l-appellat huwa l-konvenut u mhux l-"attur".

"**I. PRELIMINARI.**

"Rat ir-rikors mahluf ta' Lydumula Seropyan (I.D. 20640 A) datata 25 ta' Mejju 2018 fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat:

"Illi l-esponenti twieldet fis-17 ta' Settembru 1947 gewwa Pogranichny, Primprsky, Russian Federation bint Vasily Egorovich Balandin u Stanislava Adamovna Balandina kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dokument A;

"Illi fl-14 ta' Settembru 1968 hija zzewget lil Mykola Dmitrovch Seropyan, liema zwieg gie xolt permezz ta' sentenza ta' Divorzju tas-17 ta' Ottubru 1986;

"Illi fis-sentenza ta' divorzju l-esponenti zammet il-kunjoni SEROPYAN (Dokument B);

"Illi sussegwentement fil-21 ta' Mejju 2003 l-esponenti zzewget gewwa Malta lil Norbert McManus kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg 672/2003 anness u mmarkat Dokument C;

"Illi minkejja li fic-certifikat taz-zwieg 672/2003 hemm annotat li l-attrici ghazlet li zzomm kunjom xbubitha fiz-zwieg l-intenzjoni taghha kienet li zzomm il-kunjom tal-ewwel zwieg taghha u cioe' SEROPYAN u hija baqghet konstatament maghrufha b' dan il-kunjom;

"Illi fic-certifikat taz-zwieg hemm imnizzel *"The wife chose to retain her surname on marriage"'* u din id-dikjarazzjoni ffirmata mill-attrici li ma tifhimx bil-lingwa Maltija hija konformi mad-decizjoni taghha li tibqa' tuzaha l-kunjom SEROPYAN li kien il-kunjom li kienet legalment maghrufa bih fiz-zmien meta hija resqet ghaz-zwieg ma' Norbert McManus;

"Illi l-attrici hija maghrufa bil-kunjoni SEROPYAN mill-awtoritajiet kollha kemm Maltin kif ukoll esteri kif jirrizulta ampjament mill-annessi dokumenti ufficjali liema dokumenti jinkludu dokument ta' residenza mahrug fl-1 ta' Ottubru 2013 Dokument D, licenzja tas-sewqan mahruga fit-18 ta' Settembru 2008 (Dokument E) u Passaport mill-Ukren mahrug fit-8 ta' April 2014 (Dokument F) u dokumenti mid-Dipartiment tas-Sahha pubblika (Dokument G);

"Illi fil-31 ta' Lulju 2017 l-esponenti giet moghtija c-cittadinanza Maltija kif jirrizulta mid-Dokument I;

"Illi meta hija marret biex tirregistra c-certifikat tat-twelid fir-registru pubbliku kif mitluba hija giet infurmata li d-dokumenti ufficjali ser johorgu fuq kunjomha ta' xebba Balandina u dan minkejja li hija registrata mal-awtoritajiet Maltin kollha bil-kunjom ufficjali taghha

SEROPYAN kif ukoll hija identifikata fil-passaport mill-Ukrajina bil-kunjom SEROPYAN;

“Illi din ir-registrazzjoni tista' taghti lok ghall-holqien ta' identita' doppja jew nuqqas ta' kjarezza dwar l-identita' tal-attrici;

“Illi l-attrici ghandha interess li fic-certifikat taz-zwieg numru 672/2003 jigi korrett biex jirrifletti li hija konstantament maghrufha bil-kunjom SEROPYAN;

“Illi din it-talba qed isir *a tenur* tal-artikolu 253 *et seq* tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

“Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

“1. Tiddikjara li r-rikorrenti hija maghrufa bil-kunjom SEROPYAN;

“2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att taz-zwieg numru 672/2003 u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti taz-zwieg u f’kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex jigi indikat li l-attrici ghazlet li zzomm kunjomha SEROPYAN;

“Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.

“Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta’ Lulju 2018.

“Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 28 ta’ Gunju 2018 (fol 21) fejn l-Avukat Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur, bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma dan li gej:

“1. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f’ ismijiet u mhux f’ kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana.

“2. Illi bla hsara ghal premess, l-attrici twieldet gewwa r-Russja nhar is-17 ta' Settembru 1947 u skont l-Att tat-Twelid taghha, anness mar-rikors promotur, jidher li nghatat l-isem ta' Lydumula u assumiet kunjom missierha, cioe' Balandina.

“3. Illi fis-sena 1968 l-attrici zzewget lil Mykola Dmitrovch Seropyan, izda tali zwieg ma baqax fis-sehh, tant illi giet pronunzjata sentenza ta' divorzju. F'din is-sentenza, jidher illi l-attrici ghazlet illi tibqa' zzomm kunjom zewgha u ma rrivertietx ghal kunjom xbubitha, cioe' Balandina.

"4. Illi sussegwentament ghal dan id-divorzju, l-attrici zzewget gewwa Malta lil Norbert McManus fis-sena 2003. Fl-Att taz-zwieg bin-numru progressiv 672 tas-sena 2003, jidher illi l-attrici ghazlet illi zzomm kunjom xbubitha.

"5. Illi l-esponent jirrileva li fiz-zmien li zzewget l-attrici, Artikolu 4 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kien jistipula illi: *"(1) Il-mizzewgin ghandhom maz-zwieg jiehdu l-kunjom tar-ragel u martu tista' zzid kunjom xbubitha mieghu. (2) Il-mara tista', minflok, taghzel li zzomm kunjom xbubitha li warajh tista' zzid kunjom zewgha. (3) Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jzidu kunjom xbubit ommhom. (4) Jekk il-mara jkollha hsieb li zzomm kunjom xbubitha wara z-zwieg hija ghandha, qabel iz-zwieg, hekk tiddikjara l-hsieb taghha qabel il-publikazzjoni tat-tnidijiet skont l-Att dwar iz-Zwieg u ghandha tissottoskrivi d-dikjarazzjoni relattiva fl-Att taz-Zwieg. Dik id-dikjarazzjoni tkun irrevokabbli".*

"6. Illi ghaldaqstant mis-suespost, jidher car illi fiz-zmien li zzewget l-attrici, il-ligi nostrana kienet toffri lil mara l-fakolta' li: (i) tassumi kunjom zewgha, (ii) tassumi kunjom zewgha li mieghu tista' zzid kunjomha xebba, (iii) izzomm kunjom xbubitha, jew, (iv) izzomm kunjom xbubitha u warajh zzid kunjom zewgha. Fil-kaz odjern, l-attrici ghazlet li tibqa' b'kunjomha ta' xebba, liema ghazla *ai termini* tal-ligi hija wahda rrevokabbli.

"7. Illi d-Dipartment tar-Registru Pubbliku b'ebda mod ma ried li tinholoq identita' doppja, izda huwa stat ta' fatt li lura fl-2003 il-ligi nostrana kienet toffri biss dawn l-erba' (4) ghazliet.

"8. Illi f'dan l-istadju, l-esponent jissottolineja illi maz-zmien, kien hemm numru ta' emendi f' Artikolu 4 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), fosthom permezz tal-Att XXIII tas-sena 2017, fejn f' sub-inciz wiehed (1) zdied il-*proviso* li jaqra: *"Izda ghall-iskopijiet ta' dan l-artikolu l-kliem "kunjom xbubitha" jinkludi l-kunjom tal-konjugi fiz-zmien taz-zwieg ukoll jekk dak il-kunjom ma kienx il-kunjom ta' dak il-konjugi mit-twelid u dak il-konjugi jista' wkoll jaghzel li jzomm dak il-kunjom.".*

"9. Illi minkejja li permezz tal-emendi surreferiti l-kliem *'kunjom xbubitha'* nghataw interpretazzjoni iktar wiesgha minn dik li kienet tezisti fis-sena 2003, dan ma ghandux ifisser illi tali emenda fil-ligi ghandha tigi applikata retrospettivament.

"10. Illi l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi fi kwalunkwe' kaz l-azzjoni tal-attrici mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-konvenut u kwindi l-esponent ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

"11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

“Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 4 ta' Ottubru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur intimat u Dr Franco Galea ghar-rikorrenti prezenti.

“Dr Ellul iddikjarat li m'ghandhiex kontro-ezami ulterjuri x'taghmel lir-rikorrenti u ghalqet il-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta’ Novembru 2018 fid-9:30a.m.

“Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

“**II.** **<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

“Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

“Illi l-publikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** saret debitament fit-30 ta’ Mejju 2018, u b’hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

“Illi r-rikorrenti qed titlob li l-kunjom li tkun maghrufa bih ikun “Seropyan” u mhux “Balandina”.

“Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma kemmxejn partikolari. Ir-rikorrenti twieldet gewwa Pogranichny, Primorski, Russian Federation bint Vasily Egorovich Balandin u Stanislava Balandina, kif jidher mic-certifikat tat-twelid esebit bhala Dok A. Illi fl-14 ta’ Settembru 1968, hija zzewget lil Mykola Dmitrovich Seropyan, liema zwieg gie xolt permezz ta’ sentenza ta’ divorzju esebita bhala Dok B. Illi fis-sentenza ta’ divorzju hemm indikat li r-rikorrenti zammet il-kunjom “Seropyan”. In segwitu ghal dan id-divorzju, hi zzewget gewwa Malta lil Norbert Mc Manus kif jidher mic-certifkat taz-zwieg, esebit Dok C. Sussegwentement, meta marret biex tirregistra c-certifikat tat-twelid taghha fir-Registru Pubbliku, hi giet infurmata li kunjomha se jitnizzel bhala kunjom xbubitha, u cioe` Balandina, minkejja li hi registrata mal-awtoritajiet Maltin bil-kunjom “Seropyan.”

“Ghalhekk, ir-rikorrenti qed titlob li zzomm il-kunjom “Seropyan” kif kien hemm indikat fis-sentenza tad-divorzju esebita bhala Dok B, *nonostante* d-divorzju fir-Russian Federation. Jirrizulta li dan id-divorzju gie rikonoxxut mill-Awtoritajiet Maltin, tant li hija regghet izzewget gewwa Malta lil Norbert Mc Manus. In sostenn ghall-kaz taghha, r-rikorrenti esebiet kopja tar-residenza mahrug fl-1 ta’ Ottubru 2013, Dok D, licenzja tas-sewqan mahruga fit-18 ta’ Settembru 2008, Dok E u kopja tal-passaport Ukren Dok F u dokument mid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika, Dok G, fejn f’dawn id-dokumenti kunjom ir-rikorrenti huwa indikat bhala “Seropyan”. Inoltre`, hija xehdet b’referenza ghal dokument esebit a fol 49 tal-process, fejn ir-rikorrenti

kkonfermat li l-kliem bil-Malti mhuwiex il-kitba taghha u hi ma tafx bil-Malti. Referuta ghal dak li hemm indikat ukoll bil-kitba fejn bl-Ingliz hemm miktub "retain my maiden surname'', qalet li hi qatt ma kitbet xejn fuq dak id-dokument, izda ffirmat biss, u kkonfermat il-firma taghha.

"B'referenza ghall-kunjom tar-rikorrenti, ikkunsidrat li r-rikorrenti kienet applikat ghad-divorzju fir-Russian Federation. Skont l-**artikolu 66L(4) (c) tal-Kodici Civili**, id-dispozizzjoni tal-artikolu 62 ta' l-istess Kodici japplika *mutatis mutandis* ghad-divorzju ppronunzjat mill-Qorti kompetenti f'Malta. Huwa l-**artikolu 62** li jirregola l-kunjom tal-mara mizzewga wara li jigi tterminat iz-zwieg b'separazzjoni personali u b'effett tal-applikazzjoni imsemmija, anke f'kaz li z-zwieg jinhall b'sentenza ta' divorzju.

"Ikkunsidrat li *ai termini* tal-**artikolu 66L (4) (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** il-mara tista' terga' lura ghal kunjom xbubitha wara li tottjeni divorzju. Izda, fil-kaz odjern, ir-rikorrenti ghazlet li zzomm kunjom zewgha, billi anke saret dikjarazzjoni diretta f'dan is-sens, fid-dokument tad-divorzju esebit bhala Dok B.

"Referibbilment ghal dak eccepit fir-risposta tal-intimat, l-**artikolu 4 tal-Kodici Civili** kien jipprovdi "(*1) Il-mizzewgin ghandhom maz-zwieg jiehdu l-kunjom tar-ragel u martu tista' zzid kunjom xbubitha mieghu; (2) Il-mara tista' minflok taghzel li zzomm kunjom xbubitha li warajh tista' zzid kunjom zewgha; (3) Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jzidu kunjom xbubit ommhom; (4) Jekk il-mara jkollha hsieb li zzomm kunjom xbubitha wara z-zwieg hija ghandha, qabel iz-zwieg, hekk tiddikjara l-hsieb taghha qabel il-pubblikazzjoni tat-tnidijiet skont l-Att dwar iz-Zwieg u ghandha tissottoskrivi d-dikjarazzjoni relattiva fl-Att taz-Zwieg. Dik id-dikjarazzjoni tkun irrevokabbli."*[2] Ghalhekk, gie sottomess fl-eccezzjonijiet, li fiz-zmien li zzewget ir-rikorrenti f'Malta fis-sena 2003, li fiz-zmien li zzewget ir-rikorrenti, kien hemm biss dawn l-erba' ghazliet, izda sussegwentement, l-artikolu 4 tal-Kodici Civili kif emendat bl-Att XXIII tas-sena 2017, zdied il-*proviso* "*Izda ghal skopijiet ta' dan l-artikolu l-kliem kunjom xbubitha jinkludi l-kunjom tal-konjugi fiz-zmien taz-zwieg ukoll jekk dak il-kunjom ma kienx il-kunjom ta' dak il-konjugi mit-twelid u dak il-konjugi jista' wkoll jaghzel li jzomm dak il-kunjom."* Ghalhekk, kif eccepit, l-artikolu 4 inghatat interpetazzjoni aktar wiesgha ghall-frazi "*kunjom xbubitha"* permezz tal-emendi introdotti bl-Att XXIII tas-sena 2017, izda din l-emmenda ma tapplikax retroattivament.

"Ikkonsidrat li l-Att XXIII tas-sena 2017 ma jsemmi xejn dwar l-applikazzjoni transitorja tal-ammendi introdotti fl-artikolu 4 tal-Kodici

[2] Bl-Att XVIII tal-2004 l-artikolu 4 gie emmendat u gie dispost li l-mara setghet taghzel li zzid kunjom xbubitha jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha (*the surname of the predeceased spouse*.).

Civili ghalkemm hemm provvediment f'dan is-sens ghar-rigward tal-konverzjoni ta' unjoni civili ghal zwieg.

"Ikkonsidrat ukoll li l-ammenda introdotta fil-2017 tohloq konfuzjoni billi ddahhlet biss bhala ammenda ghas-subinciz 4(1) tal-Kodici Civili fejn il-mara ghandha l-ghazla li zzid il-kunjom taghha fiz-zmien taz-zwieg. Madanakollu l-proviso jibda bil-kliem "*Izda ghal skopijiet ta' dan l-artikolu"* (sottolinear ta' din il-Qorti) li donnu jaghti x'jifhem li l-ammenda kellha tapplika anke ghas-subincizi sussegwenti inkluz, ad ezempju l-artikolu 4(2) tal-Kodici Civii li jirregola fejn il-mara taghzel li zzomm kunjom wiehed (kunjom xbubitha jew kunjom zewgha li miet qabilha), li huwa proprju l-kaz quddiem din il-Qorti.

"F'kull kaz, bl-Att imsemmi tal-2017 il-legislatur ma ddisponix retroattivament ghall-kazijiet bhal dawk tar-rikorrenti u lanqas introduca xi mekkanizmu sabiex ir-rikorrenti u persuni bhala jkunu jistghu jaghmlu ghazla li tippermettilhom juzufruwixxu mill-emmenda introdotta. Mekkanizmu bhal dan gie introdott, ad ezempju, biex jaghti lil dawk in-nisa li zzewgu qabel data pre-stabbilita l-ghazla li jiehdu kunjom zewghom li miet qabilhom (*vide* artikolu 4(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

"Illi fil-kaz odjern gjaladarba l-legislatur baqa' sieket, din il-Qorti trid tapplika l-massima legali *ubi lex voluit dixit.*

"Ghaldaqstant ser tichad it-talbiet in kwantu li huma guridikament infondati.

"**III. KONKLUZJONI.**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Intimat u konsegwentement tichad it-talbiet tar-rikorrenti billi dawn huma infondati guridikament.

"**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti**".

## Rikors tal-appell tal-attriċi (03.12.2018):

3. L-attriċi ħassitha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha. L-aggravji tagħha fir-rigward huma s-segwenti:

(i) Meta żżewġet għat-tieni darba f'Malta, l-intenzjoni tagħha kien li

żżomm il-kunjom li kienet akkwistat fl-ewwel żwieġ u fil-fatt hija ffirmat għall-għażla “*to retain her surname*”.

(ii) L-ewwel Qorti applikat il-liġi b’mod restrittiv meta ċaħdet it-talba tagħha li jiġi korrett iċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha 672/2003; kuntrarjament għal dak deċiż, l-ewwel Qorti kellha l-fakolta` ġuridikament li takkolji t-talba tagħha. Issostni li l-qrati tagħna aċċettaw korrezzjonijiet fil-kunjom ta’ persuna fejn ma kien hemm l-ebda preġudizzju fl-interessi ta’ terzi.

(iii) F’sentenza mogħtija fl-1 ta’ Ġunju 2017 fil-kawża fl-ismijiet **Claire Muscat pen v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku**, (55/2015/AF) il-Prim Awla (sede Kostituzzjonali) affermat id-dritt ta’ mara li żżomm il-kunjom li tkun ħadet fl-ewwel żwieġ meta tidħol għal żwieġ sussegwenti wara sentenza ta’ divorzju mill-ewwel żwieġ.

(iv) Id-dritt tagħha li tagħżel li żżomm kunjom li tkun ħadet fl-ewwel żwieġ meta tidħol għal żwieġ sussegwenti wara li l-ewwel qieħed ikun ġie xolt permezz ta’ divorzju huwa llum ukoll affermat leġislattivament permezz tal-Att XXIII tal-2017.

**Risposta tal-Appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (20.12.2018):**

4. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku wieġeb biex jgħid li s-sentenza

appellata hija ġusta u timmerita konferma u li għalhekk l-appell odjern għandu jiġi miċħud. Huwa jagħti r-raġunjiet tiegħu għaliex l-aggravji tal-attriċi appellanti m'għandhomx jiġu akkolti.

(i) Jispjega li meta l-attriċi appellanti daħlet fit-tieni żwieġ (2003) ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili kellha biss erba' għażliet fir-rigward tal-kunjom, *inter alia* li żżomm kunjom xbubitha, "*to retain her maiden surname*". Jenfasizza li hija fil-fatt hekk għamlet, kif jidher fuq iċ-ċertifikat stess, u jsostni li tali għażla hija waħda irrevokabbli.

(ii) Kuntrarjament għal dak li ssostni l-attriċi appellanti, jargumenta li l-ewwel Qorti ma kellhiex il-fakolta` ġuridika li takkolji t-talba tagħha biex tikkorreġi ċ-ċertifikat taż-żwieġ. Jenfasizza li l-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili jagħti biss lok għal korrezzjonijiet fl-ismijiet u mhux fil-kunjomijiet salv meta jkun hemm żball ġenwin, u jenfasizza li l-kwistjoni odjerna ma tirrisalix minn żball.

(iii) Jilmenta li t-tielet aggravju (fejn saret referenza għal każ kostituzzjonali **Claire Muscat pen v. DRP**) jissolleva kwistjoni legali ġdida li ma tqajmitx qabel u li dan mhux permess. Fi kwalunkwe każ jargumenta li kull każ għandu l-fattispeċji tiegħu li għandhom jintiżnu f'kefffa għalihom.

(iv) Jargumenta li l-attriċi appellanti ma tispjegax kif id-dritt tagħha li

tagħżel li żżomm il-kunjom tagħha tal-ewwel żwieġ huwa llum affermat leġislattivament tramite l-Att XXIII (2017). Jgħid li dawn huma l-aħħar emendi li daħlu fis-seħħ li jaffettwaw l-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili. Jagħmel riferenza għal dak ritenut fir-risposta ġuramentata tiegħu u jirrileva li dak li rriteniet l-ewwel Qorti huwa ġust u ekwu mal-liġi.

**KRONOLOĠIJA TA' FATTI:**

5. Mid-dokumenti esebiti jirriżultaw is-segwenti fatti:

17.09.1947 Twieldet l-attriċi fir-Repubblika Soċjalista Federativa Sovjetika Russa, bint Vasily Egorovich Balandin u Stanislava Adamovna Balandina. Skont iċ-ċertifikat tat-twelid[3] relattiv hija ingħatat l-isem **Lyudmila Vasilievna Balandina.** (Jiġi spjegat li "Vasilievna" huwa l-isem patronimiku, peress li missierha jismu Vasily, filwaqt li "Balandina" huwa l-isem tal-familja).

17.10.1986 Iż-żwieġ tagħha ma' Mykola Dmitrovich Seropyan ġie xolt permezz ta' sentenza ta' divorzju, u l-attriċi għażlet li tibqa' żżomm il-kunjom Seropyan.[4]

21.05.2003 L-attriċi iżżewġet lil Norbert McManus ġewwa Malta.

[3] Dok A, fol 5
[4] Ara Dok B, Ċertifikat maħruġ mill-ambaxxata Russa f'Malta, fol 6

Fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv[5] (li jġib in-numu 627/2003), li ġie ffirmat mill-attriċi, hemm indikat hekk:

> "*Jien hawn taħt iffirmata (il-mara) niddikjara li* <u>*inżomm kunjom xbubiti*</u> *wara ż-żwieġ /*
>
> "*I the undersigned (the wife) declare that I choose to* <u>*retain my maiden surname*</u> *after marriage*".

(Jiġi spjegat li l-frażijiet sottolinejati minn din il-qorti jidhru miktubin bl-idejn.)

Fix-xhieda tagħha quddiem il-qorti tal-05.07.2018[6], l-attriċi qalet li tali kitba ma saritx minnha: enasizzat li hija iffirmat biss.

18.09.2008 Inħarġitilha l-liċenzja tas-sewqan f'Malta[7] (valida sa 17.09.2017). Fuqha hija indikata bħala "<u>**Ludmila Seropyan**</u>".

01.10.2013 Inħarġilha d-dokument ta' residenza f'Malta[8] (validu sa 30.09.2018). Fuqu hija indikata bħala "<u>**Lyudmyla Seropyan**</u>".

08.04.2014 Inħariġilha l-passaport Ukranjan[9] (validu sa 08.04.2024). Fuqu hija indikata bħala "<u>**Lyudmyla Seropyan**</u>".

---

[5] Fotokopja tal-Att taż-Żwieġ oriġinali, cioe` dak li fuqu hemm il-firem tar-registratur tas-żwieġ, tal-koppja, u tax-xiehda, fol 49
[6] Xiehda tal-attriċi tal-05.07.2018, fol 52-53
[7] Dok E, fol 9 (isfel)
[8] Dok D, fol 8
[9] Dok F, fol 10

13.06.2017 Inħarġitilha "*Control Card for Free Drugs"* taħt l-iskema POYC (*Pharmacy of your Choice*)[10] (valida għal 12-il xahar sa 12.06.2018) fuq "**Lyudmyla Seropyan**"

31.07.2017 Inħarġilha ċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija. Fuqu hija indikata bħala "**Lyudmyla Vasilievna Seropyan**"

04.08.2017 Inħarġitilha l-liċenzja tas-sewqan f'Malta[11] (valida sa 17.09.2022). Fuqha hija indikata bħala "**Lyudmyla Seropyan**".

16.03.2018 Ippreżentat rikors fil-Qorti ta' Reviżjoni Notarili (45/18)[12].

Fih spjegat li meta marret biex tirreġistra ċ-ċertifikat tat-twelid tagħha fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta "ġiet infurmata li d-dokumenti uffiċjali ser joħorġu fuq kunjomha ta' xebba "Balandina" u dan minkejja li hija reġistrata mal-awtoritajiet Maltin kollha bil-kunjom uffiċjali "Seropyan" kif ukoll hija identifikata fil-passaport Ukrajina bil-kunjom "Seropyan"

Għalhekk talbet lill-Qorti ta' Reviżjoni Notarili biex:

(i) issir korrezzjoni fl-Att taż-Żwieġ 672/2003 fis-sens li jiġi dikjarat li hija għażlet li żżomm kunjomha tal-ewwel żwieġ u mhux dak ta' xebba; u

[10] Dok G, fol 11
[11] Dok E, fol 9 (fuq)
[12] fol 27-28

(ii) tordna a tenur tal-Art 257(2) tal-Kap 12 li ssir annotazzjoni fuq l-Att tat-Twelid meta dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku biex l-imsemmi tibdil fil-kunjom ikun magħruf u hija tkun magħrufa bil-kunjom "Seropyan" f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti.

26.04.2018 Il-Qorti ta' Reviżjoni Notarili (Imħ. Emeritus J Galea Debono) ċaħdet it-talbiet permezz ta' digriet. Hija irriteniet li ladarba meta żżewġet it-tieni darba l-attriċi (indikata bħala Lydumyla Seropyan nee Balandina) iddikjarat li riedet iżżomm kunjom xbubitha, allura skont dak dikjarat fl-att, kunjomha għandu jkun "Balandina". Qalet li

> "*…jekk stess riedet iżżomm il-kunjom "Seropyan imissha iddikjarat dan ċar u tond;*
>
> "*Issa jew il-formola tal-Att taż-Żwieġ ma tipprovdix każijiet bħal dawn, u cioe` li mara tista' tagħżel li żżomm kunjom l-ewwel raġel tagħha, fejn dan ikun legalment possibbli, jew sar żball minn min daħħal l-att, pero` sa llum, l-att jagħmel prova ta' dak li ġie ddikjarat mir-rikorrenti*".

25.05.2018 L-attriċi intavolat il-kawża odjerna.

**L-ARTIKOLU 4 TAL-KODIĊI ĊIVILI, FIŻ-ŻMIEN LI ŻŻEWWĠET L-ATTRIĊI, U LLUM:**

> 6. Fiż-żmien li l-attriċi daħlet fit-tieni żwieġ tagħha (21 ta' Mejju 2003) l-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili kien jaqra hekk:
>
> *(1)* "*Il-miżżewġin għandhom maż-żwieġ jieħdu l-kunjom tar-raġel u martu tista' żżid kunjom xbubitha miegħu.*
>
> *(2)* "*Il-mara tista', minflok, tagħżel li żżomm kunjom xbubitha li*

*warajh tista' żżid kunjom żewġha.*

*(3)* "*Ulied iż-żwieġ jieħdu kunjom missierhom, li warajh jistgħu jżidu kunjom xbubit ommhom.*

*(4)* "*Jekk il-mara jkollha l-ħsieb li żżomm kunjom xbubitha wara ż-żwieġ hija għandha, qabel iż-żwieġ, hekk tiddikjara l-ħsieb tagħha qabel il-pubblikazzjoni tad-tnidijiet skont l-Att dwar iż-Żwieġ u għandha tissottoskrivi d-dikjarazzjoni relattiva fl-Att taż-Żwieġ. Dik id-dikjarazzjoni tkun irrevokabbli*".

7. Illum l-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili jaqra hekk:

"*1) Il-miżżewġin għandhom maż-żwieġ jieħdu l-kunjom tar-raġel u martu tista' żżid kunjom xbubitha jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha miegħu:*

"*Iżda għall-iskopijiet ta' dan l-artikolu l-kliem "kunjom xbubitha" jinkludi l-kunjom tal-konjuġi fiż-żmien taż-żwieġ ukoll jekk dak il-kunjom ma kienx il-kunjom ta' dak il-konjuġi mittwelid u dak il-konjuġi jista' wkoll jagħżel li jżomm dak il-kunjom.*

"*(2) Il-mara tista', minflok, tagħżel li żżomm kunjom xbubitha jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha li warajh tista' żżid kunjom żewġha:*

"*Iżda fil-każ meta mara tkun iżżewġet qabel l-4 ta' Frar, 2005, hi tkun tista' tieħu mill-ġdid kunjom żewġha li jkun miet qabilha jekk kemm-il darba hija tissottometti l-Formula S li tinsab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' din il-Kodiċi lill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, liema formula għandu jkun fiha dikjarazzjoni li hi qed tagħżel li tieħu mill-ġdid kunjom żewġha li jkun miet qabilha. Din id-dikjarazzjoni ma tkunx tista' ssir wara li tgħaddi sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-provvediment u meta din il-formula tkun ġiet mgħoddija lill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, id-Direttur għandu jżomm indiċi li juri kemm il-kunjom ta' żewġha li miet qabilha u kif ukoll il-kunjom tal-aħħar raġel tagħha. Din id-dikjarazzjoni magħmula permezz tal-Formola S tkun irrevokabbli u għandha tiġi annotata fl-atti tal-istat ċivili kollha ta' dik il-mara.*

"*(3) Ulied iż-żwieġ jieħdu kunjom missierhom, li warajh jistgħu jiżdiedu, skont l-artikolu 292A, kunjom xbubit ommhom jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha:*

"*Iżda, fil-każ ta' ulied iż-żwieġ li twieldu qabel is-7 ta' Awwissu 2007, huma jkunu jistgħu jżidu kunjom xbubit ommhom jew kunjom żewġha li miet qabilha wara l-kunjom ta' missierhom jekk kemm-il darba huma jissottomettu l-Formula T li tinsab fit-Taqsima II tal-Ewwel*

*Skeda li tinsab ma' din il-Kodiċi lill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, liema formula għandu jkun fiha dikjarazzjoni li fil-ħajja soċjali tagħhom huma jixtiequ jżidu u jixtiequ jużaw kunjom xbubit ommhom jew kunjom żewġha li miet qabilha wara l-kunjom ta' missierhom li jkunu assumew mat-twelid tagħhom. Din id-dikjarazzjoni għandha tintlaqa' mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso u meta din il-formula tkun ġiet mgħoddija lill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, id-Direttur għandu jniżżel annotazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni f'kull att tal-istat ċivili tal-persuna li tkun hekk għamlet dik id-dikjarazzjoni. Din id-dikjarazzjoni magħmula permezz tal-Formola T għandha tkun irrevokabbli.*

"*(4) Jekk il-mara jkollha l-ħsieb li żżomm kunjom xbubitha wara ż-żwieġ hija għandha, qabel iż-żwieġ, hekk tiddikjara l-ħsieb tagħha qabel il-pubblikażżjoni tad-tnidijiet skont l-Att dwar iż-Żwieġu għandha tissottoskrivi d-dikjarazzjoni relattiva fl-Att taż-Żwieġ. Dik id-dikjarazzjoni tkun irrevokabbli.*

"*(5)* [13] *Is-subartikolu (1) għandu japplika għal mara li tkun iżżewġet qabel l-1 ta' Diċembru, 1993, kemm-il darba u sakemm ma tikkonsenjax jew tieħu ħsieb li tikkonsenja lill-Uffiċċju tar-Reġistratur Pubbliku, il-Formula Q li tinsab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi fejn turi li tagħżel li terġa' tieħu kunjom xbubitha. Dik in-nota ma tkunx tista' ssir wara li jgħaddu sitt xhur mill-1 ta' Diċembru, 1993 u meta tkun konsenjata fl-Uffiċċju tar-Reġistratur Pubbliku id-Direttur għandu jirreġistraha fi ktieb miżmum għal hekk, li għalih għandu jżomm indiċi taħt kunjom xbubit il-mara u kunjom ir-raġel tagħha.*

*(6) "Meta mara jkollha l-ħsieb li żżomm kunjom żewġha li jkun miet qabilha wara li terġa' tiżżewweġ, hija għandha, qabel ma terġa' tiżżewweġ, hekk tiddikjara l-ħsieb tagħha meta hija tapplika għall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet skont l-Att dwar iż-Żwieġ u minflok id-dikjarazzjoni fl-Att taż-Żwieġ imsemmi fis-subartikolu (4) hija għandha tagħmel id-dikjarazzjoni li hemm fil-Formula R fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Kodiċi u li jkun fiha l-partikolaritajiet hemm fiha indikati. Dik il-formula għandha tasal fir-Reġistru Pubbliku flimkien mal-Att taż-Żwieġ u għandha tiġi ffirmata kemm mill-mara kemm mir-raġel u tiġi kontrosenjata mill-firmatarji l-oħra kollha fuq l-Att taż-Żwieġ.*

"*(7) Id-dixxendenti inkluż tfal adottati ta' dawk il-persuni li jkunu ssottomettew il-Formula T imsemmija fis-subartikolu (3), lill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, jistgħu sa mhux aktar tard minn sena wara li tagħlaq id-data li trid tiġi kkonsenjata l-Formula T jissottomettu wkoll lill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, il-Formula U li tinsab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' din il-Kodiċi, fejn fiha jiddikjaraw li jkunu*

[13] Dan is-subartikolu ġie miżjud taħt is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni talLiġijiet permezz tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji. Dan is-subartikolu sostanzjalment jirriproduċi s-subartikolu (3) tal-artikolu 89 tal-Att XXI tal-1993.

*jridu jużaw l-istess kunjom tal-axxendent tagħhom kif hekk ġie annotat fl-atti tal-istat ċivili rispettivi tiegħu bis-saħħa tas-subartikolu (3). Meta jirċievi din il-formula d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jniżżel annotazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni f'kull att tal-istat ċivili tal-persuna li tkun hekk għamlet dik id-dikjarazzjoni. Dik id-dikjarazzjoni magħmula permezz tal-Formola U tkun irrevokabbli.*

"*(8) Meta t-tfal huma taħt it-tmintax-il sena d-dikjarazzjonijiet magħmula permezz tal-Formuli T u U, għandhom isiru mill-ġenituri jew, jekk dawn ikunu t-tnejn mejta, mit-tutur jew kuraturi tagħhom:*

"*Iżda, irrispettivament minn jekk il-ġenituri tal-wild humiex miżżewġin jew le, jew jekk humiex divorzjati jew separati, wieħed mill-ġenituri, jew il-wild innifsu jekk mhux minuri, jista' jissottometti d-dikjarazzjoni permezz tal-Formola T. Din għandha tiġi notifikata lill-ġenitur l-ieħor, fuq l-aħħar indirizz kif magħruf fuq il-karta tal-identità tiegħu, li jkollu ħamest ijiem utli ċans minnotifikazzjoni sabiex jopponi din it-talba, jekk iqis li mhijiex fl-aħjar interess tal-wild. Jekk il-ġenitur jibqa' ma jopponix, id-Direttur jgħaddi sabiex jirreġistra l-kunjom fl-att relattiv.*

"*(9) Il-mara ta' persuna li jkun issottometta dikjarazzjoni magħmula permezz tal-Formuli T u U, għandha tieħu l-kunjom tar-raġel kif debitament annotat, jekk kemm-il darba hi maż-żwieġ tagħha tkun għażlet li tieħu kunjom ir-raġel tagħha.*

"*(10) Persuna li fir-rigward tagħha jkun ġie annotat tibdil fil-kunjom skont dan l-artikolu għandha tirrapporta l-fatt lill-uffiċjal awtorizzat taħt l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità li għandu joħroġ dokument ta' identifikazzjoni ġdid li jkun jindika l-kunjom skont l-annotazzjoni mniżżla fl-Att tat-Twelid rilevanti. L-ispejjeż għall-ħruġ tad-dokument ta' identifikazzjoni ġdid għandhom jitħallsu mill-persuna li tkun bidlet il-kunjom.*

"*(11) L-imsieħba f'unjoni ċivili kuntrattata skont l-Att dwar l-Unjonijiet Civili jistgħu, meta japplikaw għall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet relatati mal-unjoni ċivili, jagħżlu li:*

*(a)* "*jieħdu, għat-tnejn li huma, kunjom ta' xi wieħed mill-imsieħba tal-unjoni ċivili jew il-kunjomijiet taż-żewġ imsieħba fl-ordni li jagħżlu għat-tnejn li huma; jew*

*(b)* "*jżommu kunjomhom:*

"*Iżda jekk l-ebda għażla ma tkun ġiet espressa, hekk kif meħtieġ skont dan is-subartikolu, l-imsieħba tal-unjoni ċivili għandhom iżommu kunjomhom.*

"*(12) Meta ssir applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' żwieġ ikkuntrattat barra l-pajjiż bejn koppja tal-istess sess, il-koppja tista' tagħzel li:*

*(a) "iżżomm għat-tnejn li huma l-kunjom ta' wieħed missieħba fiż-żwieġ jew il-kunjomijiet taż-żewġ sieħba fiż-żwieġ bl-għażla tal-preċedenza fil-kunjomijiet tkun għad-diskrezzjoni tal-istess koppja; jew*

*(b) "iżommu l-kunjom tagħhom:*

*"Iżda meta ma ssirx għażla skont dan is-subartikolu, l-imsieħba fiż-żwieġ għandhom iżommu l-kunjom tagħhom.*

"*(13) Konjuġi li jkunu żżewġu wara d-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn jistgħu, meta japplikaw għall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet jagħżlu li:*

*(a) "jieħdu, għat-tnejn li huma, kunjom ta' xi wieħed millpartijiet fiż-żwieġ; jew*

*(b) "jieħdu, għat-tnejn li huma, il-kunjomijiet taż-żewġ partijiet fl-ordni li jagħżlu:*

"*Iżda l-għaqda tal-kunjomijiet tal-miżżewġin m'għandhiex tirriżulta f'kunjom li huwa itwal mill-kombinazzjoni ta' erba' kunjomijiet:*

"*Iżda wkoll meta kunjom ta' wieħed mill-miżżewġin jew tat-tnejn li huma diġà jikkonsisti f'żewġ kunjomijiet jew aktar, l-ordni tal-kunjom ta' dak il-miżżewweġ għandha tinżamm, u l-miżżewġin ma jistgħux ibiddlu din l-ordni u, jew iwaqqgħu xi parti mill-kunjom tagħhom; jew*

"*(ċ) jżommu kunjomhom:*

"*Iżda jekk l-ebda għażla ma tkun ġiet espressa hekk kif meħtieġ skont dan is-subartikolu, miżżewġin għandhom iżommu kunjomhom.*

"*(14) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tassubartikolu (13), meta l-miżżewġin jagħżlu li jbiddlu kunjomhom skont dispożizzjonijiet tas-subartikolu (13)(a) jew (b), din l-għażla għandha ssir ukoll l-Isem tal-Familja tal-miżżewġin, li għandha tiġi inkluża fl-Att taż-Żwieġ.*

"*(15) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (13), meta l-miżżewġin jagħżlu li jżommu kunjomhom skont dispożizzjonijiet tas-subartikolu (13)(ċ), jew meta l-ebda għażla ma tkun ġiet espressa, il-miżżewġin għandhom jiddeterminaw l-Isem tal-Familja tagħhom skont dispożizzjonijiet tas-subartikolu (13)(a) jew (b), li għandu jiġi inkluż fl-Att taż-Żwieġ.*

"*(16) L-Isem tal-Familja magħżul mill-partijiet għandu jkun il-kunjom li għandu jiġu adottat minn kwalunkwe tfal futuri tal-partijiet.*

> "*(17) Is-subartikoli (13) sa (16), it-tnejn li huma inklużi, għandhom japplikaw biss għal żwiġijiet li ġew iċċelebrati wara d-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn*".[14]

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**Dwar l-ewwel aggravju:**

(li l-intenzjoni tal-attriċi kienet li żżomm il-kunjom "Seropyan")

8. Fiż-żmien li żżewġet l-attriċi (2003), l-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili kien jippermetti s-segwenti għażliet fir-rigward tal-kunjom li mara tista' taddotta meta tiżżewweġ:

- tiehu kunjom ir-ragel; jew
- tieħu kunjom ir-raġel u warajh iżżid kunjom xbubitha; jew
- iżżomm kunjom xbubitha; jew
- iżżomm kunjom xbubitha u warajh iżżid kunjom ir-raġel.

9. Għalkemm jidher li l-attriċi kien mingħaliha li ddikjarat il-ħsieb tagħha li żżomm il-kunjom kurrenti tagħha (cioe` il-kunjom tal-ewwel raġel tagħha, "Seropyan", li hija baqgħet iżżomm anke wara li ddivorzjat minnu), dan ma kienx legalment possibbli skont l-Artikolu 4. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku da parti tiegħu jidher li fehem li l-ħsieb tagħha kien li żżomm kunjom xbubitha, "Balandrina". Fil-fatt fuq l-Att taż-Żwieġ relattiv (iffirmat minnha stess) saret dikjarazzjoni fis-sens li hija kienet qed iżżomm kunjom xbubitha, anke jekk l-attriċi kienet mingħaliha li qed

[14] Id-dispożizzjonijiet tal-Att XXIII tal-2017 ġew fis-seħħ fl-1 ta' Settembru, 2017. Ara l-Avviż Legali 212 tal-2017

tiddikjara li qed iżżomm il-kunjom "Seropyan". Kif irriteniet il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili fid-digriet tagħha tas-26 ta' April 2018, l-Att taż-Żwieġ relattiv jirrifletti li hija effettivament għażlet li żżomm kunjom xbubitha (u mhux il-kunjom "Seropyan", kif issostni fir-rikors tal-appell tagħha, li lanqas biss kien possibbli).

**<u>Dwar ir-raba' aggravju:</u>**

(li l-Att XXIII tal-2017 jafferma li meta mara tidħol għat-tieni żwieġ wara li ż-żwieġ preċedenti jkun ġie xolt b'divorzju, tista' tibqa' żżomm il-kunjom tagħha minn tali żwieġ)

10. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-attriċi appellanti, lanqas ma jidher li illum il-ġurnata huwa legalment possibbli li mara li tkun baqgħet iżżomm il-kunjom ta' żewġha minn żwieġ preċendenti li ġie xolt permezz ta' divorzju, tibqa' żżomm tali kunjom wara li terġa' tiżżewweġ, <u>ħlief biss biex iżżidu wara dak tar-raġel il-ġdid tagħha.</u> Ser tispjega għaliex:

- Għalkemm skont l-Artikolu 4(2), kif emendat bl-Att XVIII tal-2004, ġie li mara li jkun <u>mitilha</u> żewġha tista' tibqa' żżomm kunjomu meta tidħol f'żwieġ ieħor (u jekk trid warajh iżżid il-kunjom tar-raġel il-ġdid tagħha), u għalkemm il-proviso relattiv, li ġie introdott bl-Att XV tal-2012, ipprovda mekkaniżmu għal dawk in-nisa li kienu żżewġu qabel l-4 ta' Frar 2005 biex huma wkoll ikollhom il-possibbilita` li jieħdu mill-ġdid il-kunjom ta' żewġhom miż-żwieġ preċedenti li kien miet qabilhom,

m'hemmx provvedimenti simili għal mara li tkun iddivorzjat minn żewġha u baqgħet iżżomm kunjomu, bħal fil-każ tal-attriċi.

- Min-naħa l-oħra skont il-proviso tal-Artikolu 4(1), introdott bl-Att XVIII tal-2017, il-frażi "kunjom xbubitha" jiġi li jinkludi ukoll każijiet fejn il-mara tkun baqgħet iżżomm il-kunjom tar-raġel tagħha minn żwieġ preċedenti li jkun ġie xolt permezz ta' divorzju**.** Għalhekk skont dan il-proviso, mara li tiżżewweġ illum tista' tieħu il-kunjom tar-raġel il-ġdid tagħha u warajh iżżid il-kunjom tar-raġel li minnu hija divorzjata (u li hija kienet baqgħet iżżomm).

11. Għandu jingħad ukoll, illi anke *kieku* llum kien legalment possibbli għal mara li żżomm il-kunjom tar-raġel tagħha minn żwieġ preċedenti li jkun ġie xolt permezz ta' divorzju**,** biex ikun possibbli ukoll għall-attriċi li wara dawn is-snin kollha tieħu mill-ġdid (uffiċjalment) il-kunjom tal-ewwel raġel tagħha, il-liġi stess tkun trid tipprovdi mekkaniżmu fir-rigward.

**Dwar it-tielet aggravju:**

(li d-dritt ta' mara li żżomm il-kunjom tal-ewwel żwieġ wara sentenza ta' divorzju meta tidħol għal żwieġ sussegwenti ġie affermat kostituzzjonalment)

12. Dan l-argument qatt ma tqajjem fl-ewwel istanza, u għalhekk

ċertament li ma kellux jiġi ppreżentat bħala aggravju.

13. Fi kwalunkwe każ jiġi enfasizzat li anke jekk teżisti ġurisprudenza li tgħid li l-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili jivvjola d-drittijiet fundamentali tan-nisa bħall-attriċi in kwantu ma jistgħux ikomplu jżommu il-kunjom żwieġhom li minnhom huma ddivorzjati meta jidħlu f'żwieġ sussegwenti, sakemm l-Artikolu 4 ma jiġix emendat fis-sens li jiġi jippermettilhom li jżommu tali kunjom (u fil-każ ta' dawk li jkunu laħqu żżewġu qabel tali emendi, sakemm ma jkunx hemm mekkaniżmu li jippermettilhom li jerġgħu jieħdu kunjom żwieġhom li minnhom kienu divorzjati) kemm id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kif ukoll il-qrati m'għandhomx għażla ħlief li jsegwu l-liġi applikabbli skont il-każ.

**Dwar it-tieni aggravju:**

(li l-ewwel Qorti applikat il-liġi b'mod restrittiv meta ċaħdet it-talba tagħha li jiġi kkorreġut iċ-ċertifikat taż-żwieġ 672/2003)

14. Stabbilit li fiż-żmien li żżewġet l-attriċi ma kienx possibbli li mara tibqa' żżomm kunjom żewġha minn żwieġ preċedenti li spiċċa f'divorzju (bħalma, kif spjegat, lanqas ma hu possibbli għal mara li tiżżewweġ illum, ħlief biex iżżidu wara dak ta' żewġha), ċertament li din il-qorti ma setgħetx tilqa' t-tieni talba tal-attriċi in kwantu riedet li l-Att taż-Żwieġ 672/2003 jiġi "korrett" fis-sens li fuqu u fuq kull att ieħor relattiv u sussegwenti jiġi indikat li l-attriċi "għażlet" li żżomm kunjomha

"Seropyan".

15. Din il-qorti invece, hija tal-fehma li l-ewwel talba tal-attriċi, fejn talbet li jiġi dikjarat li hija magħrufa bil-kunjom "Seropyan", kellha tiġi akkolta in vista tad-dokumenti li ppreżentat bħala evidenza li anke wara li żżewġet fl-2003 baqgħet magħrufa bil-kunjom "Seropyan".

16. Din il-qorti hija wkoll tal-fehma li t-tieni talba tal-attriċi kellha ukoll tiġi akkolta limitatament, u dan fis-sens li jiġi ordnat li fuq l-Att taż-Żwieġ 672/2003u f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti, issir annotazzjoni[15] biex jiġi indikat li l-attriċi hija magħrufa bil-kunjom "Seropyan"[16].

17. Huwa opportun li ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Frank Yeatman v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** fejn l-attur kien talab li jsir bdil fuq l-Att tat-Twelid tiegħu fis-sens li wara l-kunjom "Yeatman" jiżdied ukoll il-kunjom "Steele", li kien il-kunjom tat-tieni raġel ta' ommu, u li huwa kien dejjem magħruf bih. Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fid-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' April 2012 għalkemm ċaħdet tali talba tiegħu, ordnat li ssir "annotazzjoni" fis-sens li huwa magħruf bil-kunjom "Yeatman Steele"[17]. Il-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju 2016 ikkonfermat tali

[15] fil-fatt l-attriċi talbet li jsiru l-"korrezzjonijiet u l-**annotazzjonijiet** meħtieġa fl-Att taż-Żwieġ u f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti"
[16] l-attriċi talbet li jiġi indikat li hija għażlet li żżomm kunjomha "Seropyan", li għar-raġunijiet fuq esposti mhux possibbli.
[17] Fil-fatt fil-mori tal-kawża l-attur kien talab li t-talbiet tiegħu jigi ristretti għal **annotazzjoni** fl-Att tat-Twelid tiegħu

deċiżjoni għaliex irriteniet li huwa utli li l-pubbliku jkun jaf li għalkemm l-attur twieled bil-kunjom "Yeatman" huwa għandu wkoll konessjoni mal-kunjom "Steele". Il-Qorti tal-Appell in sostenn ta' tali pożizzjoni għamlet referenza għall-kawża fl-ismijiet **John Zammit magħruf bħala John Edward Zammit Pace v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (deċiża finalment mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 1994). F'tali kawża l-attur kien talab li ssir "annotazzjoni" fl-Att tat-Twelid tiegħu biex ikun indikat li huwa jġib il-kunjom ta' ommu u ta' missieru flimkien. (Il-kawża kienet ġiet intavolata qabel l-emendi fil-Kodiċi Ċivili li ppermettew persuna ġġib kunjom ommha wkoll.) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, wara li eżaminat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ qablet li kellha ssir annotazzjoni fil-marġini tal-Att tat-Twelid tiegħu li tindika li huwa jġib il-kunjom "Zammit Pace" u spjegat li dan huwa utli għall-aħjar identifikazzjoni tiegħu. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat tali deċiżjoni u spjegat illi b'annotazzjoni (kuntrarjament għal korrezzjoni):

> "*l-Att tat-Twelid mhux se jiġi korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretenzjoni li għandhom terzi persuni żgur se jiġu mħarsin. Dan hu fil-fatt wieħed mill-iskopijiet prinċipali li jservi għalih ir-Reġistru Pubbliku, u cioe` li jkun hemm mod kif terzi li jkunu jridu jikkontrattwaw ma' ċertu individwu jkunu f'pożizzjoni li jagħmlu riċerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista' jkun komplet…….Fil-każ preżenti, il-pubbliku se jkun jaf li l-attur twieled bil-kunjom ta' Zammit pero` dana dejjem issejjaħ Zammit Pace, u għalhekk, se mai, il-pubbliku se jkollu informazzjoni aktar fuq l-individwu konċernat u mhux anqas*".

18. Hekk ukoll fir-rigward tal-każ odjern, <u>huwa utli għall-pubbliku li jkun jaf li l-attriċi hija magħrufa bil-kunjom tal-ewwel raġel tagħha, "Seropyan</u>" u għalhekk għandha ssir annotazzjoni f'dan is-sens fl-Att

taż-Żwieġ. B'hekk tkun qed tingħata iktar informazzjoni lill-pubbliku dwar l-identita` tal-attriċi.

**DECIDE**

19. Għal dawn il-motivi din il-qorti tilqa' l-appell tal-attriċi limitatament, billi tħassar il-parti deċiżiva tas-sentenza appellata u minflok:

(i) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-attriċi hija magħrufa bil-kunjom "Seropyan";

(ii) Tilqa' t-tieni talba limitatament fis-sens li tordna li fuq l-Att taż-Żwieġ 672/2003 (u f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti) issir annotazzjoni li permezz tagħha jiġi ndikat li l-attriċi hija magħrufa bil-kunjom "Seropyan" u tordna li s-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

20. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb